# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 27*

***5.30p.m 10 ta' Marzu2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *27.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

27.1.1 Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab lill-Kunsill sabiex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.

## *27.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

27.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 25 u 26 tal-Laqgħa Urġenti. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

27.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li matul dawn l-aħħar ġimgħat kellu laqgħat ma diversi entitajiet bil-għan li jkun hemm il-fondi biex jibda u jitlesta l-proġett tal-Ġnien Belveder. Huwa qal li kellu laqgħa mas-Sur Adrian Attard Direttur Ġenerali tal-Park, mall-Ministru Aaron Farrugia u mall-Ministru Jose' Herrera. Is-Sindku spjega li s'issa m'hemm xejn bil-miktub anke wara l-aħħar laqgħa li kellu sall-bieraħ stess. Madankollu qal li meta l-Kunsill ser ikollu xi ħaġa uffiċjali u bil-miktub ser ikun qed iressaq dawn il-proposti fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

27.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi fakkar il-Kunsilliera sabiex ma jdumux ma jibgħatu artikli biex jinġabar l-ewwel volum ta' tal-magazine tal-lokal.

## *27.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

27.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li wara li sar il-meeting mall-Onorevoli Miriam Dalli huwa importanti li l-Kunsill ikollu f'idejħ idejat ta' postijiet ta' rikreazzjoni li jistgħu jiġu rriġenerati mill-fondi tal-Ministeru. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li iktar tard fil-laqgħa ser ikun qed iressaq idejat ta' Wall Garden bid-disinji u l-pjanti. Apparti hekk permezz tal-Slow Streets project ser ikun hemm diversi proposti ta' rikreazzjoni u spazji miftuħa. Is-Sindku żied jgħid li fil-laqgħa mall-Onor. Dalli tkellem fuq iċ-charging points u Triq is-Sajjieda li s'issa l-Kunsill għad m'għandux risposta.

27.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa fl-liema stadju wasal fiħ il-Kunsill dwar il-proposta ta' 'dog park'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din l-proposta tista' ssir il-quddiem hekk kif għaddejj il-proġett tal-iskema tal-qtates.

27.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ried ifakkar li għad hemm numru ta' street hawkers li qed jiżgumbraw it-toroq bħal fi Triq Zerafa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien hemm ċirkostanzi fejn fi Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Pulizija marru imma l-persuna kkonċernata kellu l-permessi kollha ta' street hawker u b'hekk il-Pulizija ma setgħax ineħħiħ. Sadanittant, is-Sindku qal li qed iżomm is-Supratendent infurmat sabiex il-Pulijza ikomplu jinvestigaw fejn qed isiru l-illegalitajiet.

27.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li fi Triq il-Marsa twaħħlet bożża iżda din ma saritx b'simetrija ma l-oħrajn. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikellem lill-kuntrattur dwarha.

27.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li f'Misraħ G.F Abela qed ikun hemm ħafna rimi ta' kartun u ried isaqsi għaliex wara li l-Kunsill qed jagħmel ġbir 'extra' tal-iskart u jkollu jagħmlu s-Sibt ukoll. Il-Kunsillier qal li l-Kunsill irid jieħu stand mall-WasteServ għax minkejja li qed ikun hemm extra service xorta qed ikun hawn ħafna ħmieġ. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ikkonferma li l-problema ggravat min mindu beda' l-extra service. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-fatt huwa jinsab disappuntat bil-livell t'infurzar u kiteb personalment email lill-entitajiet kollha ikkonċernati u lill-Ministru tal-Intern wara li ġie nfurmat mill-kap eżekkutiv tal-LESA li l-uffiċjali tal-LESA ma jgħamlux spezzjonijiet fuq ħwienet. Is-Sindku qiegħed jistenna li jkun hemm committment ċar sabiex din il-problema tkun indirizzata. Apparti hekk il-kollettur ma jistgħax jiġbor kollox kif kien qabel.

27.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li sabiex tittaffa l-problema tar-rimi llegali tal-iskart għandhom jitqabbdu spetturi tal-ERA, minflok il-Kunsill iħallas għal-extra service. Apparti hekk, filwaqt li l-veru l-ħwienet jistgħu jkunu qed jarmu ħafna kartun illegalment, huwa veru wkoll li l-problema tar-rimi llegali mhuwiex biss tal-ħwienet. Il-Kunsillier qal wkoll li min dejjem kien jemmen ukoll f'dak li jissejjaħ 'Neighbourhood Watch' li hija sistema effettiva li titħaddem barra min Malta u tgħin biex jitnaqqsu l-illegalitajiet. Ikun importanti li din is-sistema tiġi spjegata lin-nies sakemm tindara'. Is-Sindku qal li dawn huwa possibiltajiet li għandhom jiġu kkunsidrati.

27.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jikkunsidra bis-serjeta' li jkun hemm l-għeluq tal-playing fields, kif ukoll ikun hemm miżuri fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sabiex titħares is-saħħa tal-ħaddiema. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed jieħu diversi miżuri fid-dawl ta' dak li qed jiġri.

27.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fost il-miżuri li l-Kunsill għandhu jaddotta huwa li jkun hemm l-EPOS machine, u li jsir kampanja t'edukazzjoni fost ir-residenti bil-għan li jitgħallmu jużaw il-kards biex iħallsu. Il-Kunsill jistgħa ukoll jagħmel użu ta' sponsorship mill-Bank sabiex isiru flyers forst ir-residenti biex jgħinuhom jużaw il-kard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel perfettament ma din il-proposta u malli l-Kunsill ikollu l-EPOS machine jistgħa jmexxi fuqha.

27.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ried ifakkar il-Kunsill li l-mutur li tkellem fuqu fl-laqgħa preċedenti għadu hemm minkejja li għandhu sticker tal-Pulizija fuqu. Is-Sindku rrimarka li huwa tkellem personalment mall-Onorevoli Byron, fejn fil-futur dawn l-affarijiet irid jieħu azzjoni diretta l-Kunsill fejn muturi u karozzi li ġew abbandunati jistgħu jintremew bil-permessi neċessarji.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ħareġ mis-seduta fis-18.19.

27.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fiż-żona ta' Cassar Shipyard hemm bżonn li jizdied id-dawl fejn it-tram station. Minflok jistgħu jinbidlu xi bozoz sofor għal bojod sabiex jiżdied id-dawl fl-akwata. Dan huwa importanti sabiex jitnaqqsu l-illegalitajiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikellem il-kuntrattur tad-dawl sabiex immexxu fuqha.

27.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm grocer li jixtieq jagħmel loading/unloading bay quddiem il-ħanut, hekk kif hemm min qed jipparkja quddiemu b'van u jħalli l-ħmieġ ġewwa fih. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-akwata ta' fejn hemm il-ħanut huwa diffiċli li jsir loading/unloading bay pero tista' forsi ssir 'keep clear'. Il-Kunsill kellu ċirkustanzi simili ta' dan il-kaz fejn jiġi pparkjat van u jintrema' ż-żibel fih. Il-Kunsill tkellem mall-LESA u min naħa tagħhom peress li dawn il-boroż huma ġo van privat ma jistgħux jingħataw ċitazzjonijiet. IL-Kunsill ħeġġeġ lir-residenti kkonċernati sabiex jkellmu lis-sanita'.

27.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa bħalma staqsa f'leġislaturi oħra dwar l-użu tal-ċavetta tal-Kunsill u sabiex il-Kunsill jingħata direzzjoni mid-dipartiment tal-Gvern Lokali jekk Kunsilliera jistgħux ikollhom ċavetta li biha jistgħu jużaw l-bini tal-Kunsill, imma mhux qed jirreferi għall-parti ta' fejn hemm l-amministrazzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jistaqsi d-Direttur dwar dan.

# *27.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

27.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 03/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat. Il-vot kien unanimu.

## *27.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

27.6.1. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Pageant Group qed titlob l-ammont ta' €900 sabiex ittella' wirja virtwali wara li din is-sena kellhom jiġu kkanċellati l-attivitajiet relatati ma dan iż-żmien. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-għaqda tingħata din is-somma. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

27.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Paroċċa tas-Ssma. Trinita' qed titlob reklam bil-kulur għall-prezz ta' €250 għal fuljett speċjali li ser ikun ser jitqassam. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

27.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li Marsa Pageant Group nfurmawna li minħabba restrizzjonijiet il-kxif tal-monument ser jiġi pospost għal 25 t'April fl-10.00 ta' filghħodu.

27.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk il-Kunsill huwa interessat jista' jibbenefika min skema ta' finanzjament bil-għan li jitjiebu l-playingfiels fill-lokalita'. Din l-applikazzjoni trid tintbgħat sa mhux aktar tard mill-25 t' April 2021. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *27.7 Post għall-Pulizija tal-Komunita' - Update*

27.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lill-membri preżenti li wara l-laqgħa li għaddiet kellu diversi taħditiet mall-Pulizija tal-Komunita' fejn huma ddeċidew li jirranġaw l-għassa attwali tal-Marsa biex is-sular ta' fuq ikun propju għall-Pulizija tal-Kommunita'. Apparti hekk meta kien ġie l-Kummissarju u ra l-bini tal-Kunsill, huwa rrimarka li ma kien daqshekk addattat għall-Pulizija tal-Kommunita'. Is-Sindku qal li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill ikun jista' jagħmel kuntratt mall-Pulizija li propju ikun jorbot għaż-żewġ naħat u li jkun jinkludi dawn id-dettalji. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vor favur kien unanimu.

27.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppopona li jkun hemm post fil-Kunsill li tingħalaq bil-ħġieġ. Din il-kamra tista' tintuża mill-Pulizija waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill biss, imma tista' tkun il-kamra li juża s-Sindku stess meta jkun il-Kunsill. B'hekk iċ-ċavetta ser tkun f'idejn il-Kunsill biss. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li m'għandhu l-ebda problema li kamra bħal din tkun użata mis-Sindku, iżda ma jaqbilx li l-użu tagħha tkun għall-Pulizija, hekk kif diġa' l-Pulizija ser ikollhom post min fejn joperaw fil-lokal. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw favur din il-proposta filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono vvota kontra. Il-proposta għaddiet b'erbgħa voti favur u wieħed kontra.

## *27.8 Vakanza ta' Contracts Manager*

27.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsilli Lokali huma obbligati bil-liġi li jkollhom Contraccts Manager. Madankollu, l-Kunsilli Lokali huma fil-liberta' dwar kif jagħżlu l-Contracts Manager. Hemm Kunsilli li għamlu tender iżda maż-żmien speċjalment iktar reċenti l-Kunsilli qed joħorġu għal-sejħa ta' impjieg part -time fi skala 18, li huwa verament il-minimu ta' dak li jista joħroġ Kunsill. Ix-xogħol tal-persuna magħżula hija li ddur mall-lokalita' kollha u tara li l-kuntratturi qed jagħmlu xogħolhomk sewwa. Wara ħafna żmien t'analizi x'qed isir f'Kunsilli oħra madwar Malta jidher li impjieg part-time fi skala 18 li l-aħjar għażla. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer

qal li l-Kunsill qabel ma jsir dan il-pass għandhu jikkunsidra lis-Sur John Vassallo, li huwa impjegat ta' fiduċja fil-Kunsill u li diġa' qed jagħmel ħafna xogħol tajjeb. Dan għaliħ ikun ukoll pass il-quddiem fir-rwol tiegħu mall-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk dan huwa possibli, l-Kunsill jista' jmexxi fuqha. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

## *27.9 Wall Garden – Triq is-Salib tal-Marsa*

27.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq viżwali għall-attenzjoni tal-Kunsill, li saru mill-kumpanija Living Waters fejn qed ipoġġu dehra mill-isbaħ ta' Wall Garden fi Triq is-Salib tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li filwaqt li l-viżwal huwa ferm sabiħ jixtieq jara jekk huwiex possibli ir-reservoire tiġi rtirata il-ġewwa sabiex ma jintilef xejn mill-wesa' tat-triq u jekk ikunx possibli li jkun hemm bħal galleriji fid-tond li joħorġu l-barra fejn in-nies ikunu jistgħu jieqfu u jaraw il-veduta taħthom. Il-Kunsillier issuġġerrixxa wkoll li aktar il-quddiem il-Kunsill jistgħa jitlob laqgħa mall-Onor Aaron Farrugia. Is-Sindku qal li ovvjament dawn il-viżwali huma mudell tal-bidu u ser ikun qed jressaq dawn id-dettalji u suġġerimenti għall-attenzjoni tal-perit. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *27.10 Impjegat/a back to back*

27.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li peres li hemm persuna pregnant fil-Kunsill huwa importanti li minħabba l-volum ta' xogħol ikun hemm bżonn li toħroġ vakanza ta' impjegat/a back to back. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li jekk il-persuna tkun waħda valida, l-Kunsill jista' jżomma. Is-Sindku qal li jistgħa jkun minnu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *27.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

27.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għat-8 t'April fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |